



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9819/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0120(NLE)

AELE 38
EEE 30
N 31
ISL 29
FL 45
MI 493
BUDGET 11

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Mejju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 02 04 77 03 - Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 245 final.

Mehmuż: COM(2019) 245 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2019
COM(2019) 245 final

2019/0120 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

(Linja baġitarja 02 04 77 03 - Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE “dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet”. Dan huwa meħtieġ biex jippermetti li l-Istati taż-ŻEE-EFTA jkomplu jipparteċipaw fl-Azzjoni Preparatorja tal-Unjoni fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (minn hawn ‘il quddiem l-“Azzjoni Preparatorja”) fis-sena finanzjarja 2019.

Billi l-Liechtenstein u l-Iżlanda ma esprimewx l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'din l-Azzjoni Preparatorja, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jikkonċerna biss lin-Norveġja.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika

Il-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi fl-Artikolu 78 li l-Partijiet Kontraenti għandhom isaħħu u jwessgħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-UE fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. Il-Kummissjoni, li bħalissa tiffinanzja esklussivament ir-riċerka u l-iżvilupp ċivili jew b'użu doppju permezz tal-programm Orizzont 2020 tagħha, tqis l-Azzjoni Preparatorja bħala strument ewlieni biex ikun eżaminat il-valur miżjud tar-riċerka relatata mad-difiża mill-baġit tal-UE

In-Norveġja diġà pparteċipat fl-Azzjoni Preparatorja fis-sena preċedenti 2018. Barra minn hekk, diġà fl-2014, in-Norveġja (i) ikkonkludiet Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u (ii) id-Direttiva dwar l-Akkwist tad-Difiża u s-Sigurtà (2009/81/KE) relatata ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka f'teknoloġiji, prodotti u servizzi innovattivi hija kruċjali biex tiġi salvagwardjata l-kompetittività fit-tul tas-settur tad-difiża u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa. Il-kooperazzjoni man-Norveġja għalhekk tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-isforzi tal-UE f'dan il-qasam.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Azzjoni Preparatorja hija parti mill-politiki tagħha marbuta mas-suq intern, l-industrija u r-riċerka. Aktar approfondiment tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam huwa għalhekk konformi mal-objettivi tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika hija l-Artikoli 58(2)(b), 110(1) u l-Artikolu 181 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 1(3) tar-

¹ ĠU L 193, 30.07.2018, p.1

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94² dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE li jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-oġġettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li titkompla l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka dwar id-difiża mal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'Azzjoni Preparatorja ffinanzjata mill-baġit tal-UE, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-oġġettiv tagħha – li tissaħħaħ u titwessa' l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-UE fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni u t-tħaddim effettiv tal-Ftehim ŻEE. Għal dan il-għan jenħtieġ li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

In-Norveġja jenħtieġ li tikkontribwixxi finanzjarjament għall-Linja Baġitarja 02 04 77 03: “Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża”. L-ammont eżatt jenħtieġ li jiġi ddeterminati ladarba li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Skont il-politika baġitarja tal-UE, kull parteċipazzjoni f'attività tal-UE tista' sseħħ biss wara li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti. Il-ħlas jista' madankollu jseħħ ladarba dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill jiġi adottat u wara li s-sejħa għal fondi tal-UE stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea tkun sottomessa lill-Istati tal-EFTA taż-ŻEE.

Għalhekk, sabiex jimtela l-vojt fiż-żmien bejn Jannar 2019 u r-riċeviment tal-ħlas rispettiv, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt se jkun applikabbli b'mod retroattiv minn Jannar 2019.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8

Ir-retroattività ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni kkonċernati u tirrispetta l-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

(Linja baġitarja 02 04 77 03 - Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁴, u b'mod partikolari l-Artikoli 58(2)(b), 110(1) u l-Artikolu 181 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁵ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (4) L-Istati tal-EFTA għandhom ikomplu jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja 02 04 77 03 (Azzjoni Preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża), imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019.
- (5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli mill-1 ta' Jannar 2019.

³ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6-8.

⁴ ĠU L 193, 30.07.2018, p.1

⁵ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta fil-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*